



2023/2346

26.10.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 30/2023

tas-17 ta' Marzu 2023

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2346]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/925 tal-14 ta' Ġunju 2022 li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 dwar il-mard elenkat tal-annimali akkwatiċi u l-lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1183 tat-8 ta' Lulju 2022 li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2002 fir-rigward tan-notifika tal-Unjoni u r-rapportar tal-Unjoni dwar id-detezzjoni ta' ċertu mard elenkat ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1218 tal-14 ta' Lulju 2022 li jemenda ċerti Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' ċerti Stati Membri jew żoni tagħhom, rigward ċertu mard elenkat u l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal ċertu mard elenkat ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1188 tat-8 ta' Lulju 2022 li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 fir-rigward tal-Istati Membri jew partijiet minnhom li għalihom huma approvati miżuri nazzjonali għal ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (6) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Parti 1.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandha tiġi emendata kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied fil-punt 1 3a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882):

“, kif emendat minn:

— **32022 R 0925**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/925 tal-14 ta' Ġunju 2022 (ĠU L 160, 15.6.2022, p. 30).”

⁽¹⁾ ĠU L 160, 15.6.2022, p. 30.

⁽²⁾ ĠU L 184, 11.7.2022, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 188, 15.7.2022, p. 65.

⁽⁴⁾ ĠU L 184, 11.7.2022, p. 59.

2. Dan li ġej jżdied fil-punt 13k (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2002):
“, kif emendat minn:
— **32022 R 1183**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1183 tat-8 ta' Lulju 2022 (ĠU L 184, 11.7.2022, p. 6).”
3. L-inċiż li ġej jżdied fil-punt 13o (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2021/260):
“- **32022 D 1188**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1188 tat-8 ta' Lulju 2022 (ĠU L 184, 11.7.2022, p. 59).”
4. L-inċiż li ġej jżdied fil-punt 13r (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620):
“- **32022 R 1218**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1218 tal-14 ta' Lulju 2022 (ĠU L 188, 15.7.2022, p. 65).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/925, (UE) 2022/1183 u (UE) 2022/1218 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1188 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jkunu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.